Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

GEORGE ABELA
President

16 ta' Lulju, 2010

ATT Nru. XI tal-2010

ATT biex jemenda l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur u Liġijiet Oħra

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2010 li jemenda l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur u Liġijiet Oħra.

(2) Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2010.

TAQSIMA I

Emenda tal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur.

Kap. 368.

2. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

3. L-artikolu 2 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) it-tifsira "Bord ta' l-Appelli dwar it-Trasport" għandha titħassar;

(b) minnufih wara t-tifsira "ċertifikat ta' konformità" għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

"*cc*" tfisser iċ-ċilindrata tal-magna ta' vettura bil-mutur;";

(ċ) minnufih wara t-tifsira "Direttiva 80/1268/KEE", għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Direttiva 88/77/KEE" tfisser id-Direttiva tal-Kunsill 88/77/KEE tat-3 ta' Diċembru 1987 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-miżuri li għandhom jittieħdu kontra l-emissjoni ta' tniġġis minn gassijiet minn makni bid-*diesel* li jintużaw fil-vetturi;";

(d) minnufih wara t-tifsira "cc", għandhom jiżdiedu t-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "Direttiva 1999/96/KE" tfisser id-Direttiva tal-Kunsill 1999/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru, 1999 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri f'dawk li huma miżuri li għandhom jittieħdu kontra l-ħruġ ta' tniġġis forma ta' gass jew partiċelli minn *compression ignition engines* għall-użu f'inġenji, u l-ħruġ ta' gassijiet li jniġġsu minn *positive ignition engines* li jaħdmu b'gass naturali jew gass tal-pitrolju likwidu għall-użu f'inġenji u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 88/77/KEE;

"Direttiva 2005/55/KE" tfisser id-Direttiva tal-Kunsill 2005/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Settembru, 2005 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri f'dawk li huma miżuri li għandhom jittieħdu kontra l-ħruġ ta' tniġġis forma ta' gass jew partiċelli minn *compression ignition engines* għall-użu f'inġenji, u l-ħruġ ta' gassijiet li jniġġsu minn *positive ignition engines* li jaħdmu b'gass naturali jew gass tal-pitrolju likwidu għall-użu f'inġenji;";

(e) minnufih wara t-tifsira "importata f'Malta" għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

" "kumitat għall-klassifikazzjoni ta' vettura vintage" tfisser kumitat magħmul minn chairman u żewġ membri maħtura mill-Awtorità, li kollha għandu jkollhom il-kompetenza teknika meħtieġa, li l-funzjoni tiegħu tkun li –

(a) jikklassifika vetturi bħala vetturi *vintage* jew *classic* jew *veteran* skont kriterji stabbiliti minn qabel; u

(b) jikkalkula l-valur ta' reġistrazzjoni ta' vetturi bħal dawk għall-fini li tiġi kkalkulata t-taxxa tar-reġistrazzjoni, ibbażat fuq –

(i) il-valur li jkun jidher fuq il-fattura, jew

(ii) il-valur medju tas-suq ta' vetturi bil-mutur identiċi, ekwivalenti, jew simili fuq is-suq internazzjonali meta l-valur fuq il-fattura jkun meqjus mill-kumitat li hu baxx b'mod sporporzjonat;";

(f) minnufih wara t-tifsira "emissjonijiet CO_2" għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Euro 2", "Euro 3", Euro 4 u aktar", "Euro II", "Euro III", u "Euro IV u aktar" tfisser *standards* ta' emissjonijiet stabbiliti għall-vetturi bil-mutur kollha taħt id-Direttiva 70/220/KEE, id-Direttiva 88/77/KEE, id-Direttiva 1999/96/KE, id-Direttiva 2005/55/KE u r-Regolament 595/2009;";

(g) it-tifsira "karrozzi bil-mutur u vetturi oħra bil-mutur iddisinjati prinċipalment għall-ġarr ta' persuni" għandha titħassar;

(h) minnufih wara t-tifsira "*limousine*" għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

"massa massima awtorizzata" tfisser il-massa massima teknikament permissibbli meta l-vettura bil-mutur tkun mgħobbija kif dikjarata mill-manifattur;";

(i) minnufih wara t-tifsira "*motor cycle*" għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

" "*motor route bus*" tfisser vettura għall-ġarr tal-passiġġieri li jkollha liċenza biex tagħti servizz ta' trasport pubbliku għall-passiġġieri;";

(j) minnufih wara t-tifsira "*motor route bus*" għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Regolament 595/2009" tfisser ir-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju, 2009 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni rigward l-emissjonijiet minn vetturi *heavy-duty* (Euro VI) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi;";

(k) minnufih wara t-tifsira "Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 684/92" għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

" "servizz tat-trasport pubbliku għall-passiġġieri" tfisser is-servizzi ta' transport regolari għall-passiġġieri ta' interess ġenerali ekonomiku mogħti lill-pubbliku fuq bażi kontinwa u li ma tkunx tiddiskrimina;";

(l) minnufih wara t-tifsira "taxxa ta' reġistrazzjoni" għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

"*tractor* agrikolu" tfisser *tractor* użat primarjament għal xogħol fuq l-art b'konnessjoni mal-agrikoltura;";

(m) minnufih wara t-tifsira "*tractor* agrikolu" għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva" tfisser it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva mwaqqaf bl-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva;";

Kap. 490.

(n) fit-tifsira "vettura b'għan speċjali" minnufih wara l-kliem "passiġġeri jew merkanzija" għandhom jiżdiedu l-kliem "u jikkomprendu dawk elenkati fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att";

(o) it-tifsira "vettura bil-mutur għall-ġarr ta' merkanzija" għandha titħassar;

(p) fit-tifsira "vettura bil-mutur kummerċjali" il-kliem "bil-mutur" għandhom jitħassru kull fejn dawn jinsabu;

(q) it-tifsira "vettura b'reġistrazzjoni temporanja" għandha titħassar;

(r) minnufih wara t-tifsira "vettura elettrika" għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

" "vettura għall-ġarr ta' merkanzija" tfisser kull vettura N1, N2 jew N3 kif imfissra f'dan l-artikolu;";

(s) minnufih wara t-tifsira "vettura tat-tlielaq" għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

" "vetturi tal-kategorija M" tfisser vetturi bil-mutur b'għallanqas erba' roti maħsuba u mibnija għall-ġarr ta' passiġġieri, u jikkomprendu vetturi M1, M2 u M3;"; u

(t) minflok it-tifsira "vettura misjuqa minn *chauffeur*" għandu jidħol dan li ġej:

"vettura misjuqa minn *chauffeur*" tfisser vettura M1 li tkun reġistrata u li jkollha liċenza biex tinkera minn garaxx ta' servizz pubbliku biex tiġi misjuqa minn sid dak il-garaxx jew minn xi impjegat tiegħu;".

Emenda tal-artikolu 2A tal-Att prinċipali.

4. L-artikolu 2A tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) għandu jidħol dan li ġej:

"(b) il-vettura tkun reġistrata f'pajjiż ieħor u tkun tista' tintuża temporanjament fit-toroq f'Malta skond l-artikolu 18 ta' dan l-Att."; u

(b) fis-subartikolu (2) minnufih wara l-kliem "taħt dan l-Att" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew ikollha liċenza ta' ċirkolazzjoni valida maħruġa minn awtorità kompetenti f'pajjiż ieħor".

Emenda tal-artikolu 3 tal-Att prinċipali.

5. Fl-artikolu 3 tal-Att prinċipali minflok il-kliem "ma tkunx soġġetta għal xi eżenzjoni taħt dan l-Att" għandhom jidħlu l-kliem "ma tkunx soġġetta għal xi eżenzjoni taħt dan l-Att jew ma tkunx diġà reġistrata u liċenzjata f'pajjiż ieħor u tinġieb jew tiġi impurtata temporanjament f'Malta skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 18 ta' dan l-Att".

Emenda tal-artikolu 6 tal-Att prinċipali.

6. Fl-artikolu 6 tal-Att prinċipali, minnufih wara s-subartikolu (2) għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) Kull vettura N1, N2, N3, M2 u M3 u kull vettur bil-mutur klassifikata bħala vettura b'għan speċjali li tkun ġiet importata jew miġjuba f'Malta jew li tkun manifatturata f'Malta għandha, għall-fini ta' reġistrazzjoni, tkun akkumpanjata minn dokument maħruġ mill-manifattur li jkun jidentifika l-livell ta' emissjonijet tal-vettura:

Iżda fejn l-imsemmi dokument ma jkunx jidentifika l-livell ta' emissjoni tal-vettura bil-mutur, il-klassifikazzjoni tal-vettura tiġi bbażata fuq is-sena tal-manifattura tal-vettura, u t-taxxa li għandha titħallas fuqha għandha tkun bir-rata speċifikata fl-Ewwel u fit-Tieni Skeda li jinsabu ma' dan l-Att.".

Emenda tal-artikolu 7 tal-Att prinċipali.

7. L-artikolu 7 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "Meta vettura bil-mutur" għandhom jidħlu l-kliem "Meta vettura bil-mutur M1";

(b) is-subartikoli (2) u (3) għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala subartikoli (3) u (4) rispettivament;

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (1) għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Meta vettura bil-mutur, li ma tkunx vettura bil-mutur M1, tiġi importata jew miġjuba f'Malta mingħajr magna, din għandha tiġi klassifikata proviżorjament taħt kategorija bħal dik li kienet tkun tapplika li kieku l-vettura bil-mutur ġiet importata jew miġjuba f'Malta b'magna bil-massimu ta' ċilindrata applikabbli.".

Emenda tal-artikolu 8 tal-Att prinċipali.

8. L-artikolu 8 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minnufih wara l-kliem "It-taxxa ta' reġistrazzjoni" għandhom jidħlu l-kliem "fuq vetturi M1, M2 u M3" u minflok il-kliem "l-Ewwel, it-Tieni jew it-Tielet Skeda" għandhom jidħlu l-kliem "it-Tieni Skeda";

(b) is-subartikoli (2) u (3) għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala subartikoli (3) u (4) rispettivament;

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (1) għandu jidħol is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) It-taxxa ta' reġistrazzjoni fuq vetturi N1, N2 u N3 għandha tkun skont ir-rati jew ammonti speċifikati fl-Ewwel Skeda.";

(d) fis-subartikolu (4) kif enumerati mill-ġdid, minflok il-kliem "Fejn vettura bil-mutur" għandhom jidħlu l-kliem "Meta vettura bil-mutur M1", minflok il-kelma "manufacture" fit-test Ingliż, għandha tidħol il-kelma "manufacturer", u minnufih wara l-proviso għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll meta vettura bil-mutur bħal dik tkun ġiet reġistrata mal-Awtorità qabel l-1 ta' Jannar, 2009, għandha tiġi klassifikata taħt is-*cc* rispettiv ta' dik il-magna u u għandu japplika għaliha d-dritt tal-liċenza ta' ċirkolazzjoni adatt."; u

(e) minnufih wara s-subartikolu (4) kif enumerat mill-ġdid għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(5) Meta vettura bil-mutur li ma tkunx vettura bil-mutur M1, titwaħħlilha magna ġdida, dik il-vettura tikkwalifika għad-dritt tal-liċenza ta' ċirkolazzjoni li jkun japplika għaċ-ċilindrata ta' dik il-magna.".

Emenda tal-artikolu 9 tal-Att prinċipali.

9. L-artikolu 9 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu minflok il-kliem "ta' vettura bil-mutur ġdida" għandhom jidħlu l-kliem "ta' vettura bil-mutur fil-kategorija M1 ġdida, *motor cycle*, *quad bike* jew kwadriċikletta"; u

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu minflok il-kliem "ta' vettura bil-mutur użata" għandhom jidħlu l-kliem "ta' vettura bil-mutur fil-kategorija M1 ġdida, *motor cycle*, *quad bike*, kwadriċikletta jew vettura *classic*, *vintage* jew *veteran*".

Sostituzzjoni tal-artikolu 11A tal-Att prinċipali.

10. Minflok l-artikolu 11A tal-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"11A. (1) Kull persuna li tkun ħallset jew li għandha tħallas taxxa fuq ir-reġistrazzjoni ta' vettura tista' tappella

kontra l-ammont ta' taxxa li tiġi imposta fi żmien wieħed u għoxrin ġurnata mid-data meta dik il-persuna tiġi notifikata b'dak l-ammont.

(2) Appell taħt dan l-artikolu għandu jsir lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva skont il-proċedura stabbilita taħt l-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva u regolamenti magħmulin taħt dak l-Att.

Kap. 490.

(3) Meta t-Tribunal jiddeċiedi li l-ammont dovut fir-rigward ta' taxxa ta' reġistrazzjoni huwa inqas minn dak imħallas, l-Awtorità għandha, fi żmien disgħin ġurnata minn meta tittieħed dik id-deċiżjoni, tħallas lura f'isem il-Gvern l-ammont imħallas żejjed lil dak l-appellant.

(4) Meta t-Tribunal jiddeċiedi li l-ammont dovut fir-rigward ta' taxxa ta' reġistrazzjoni huwa aktar minn dak imħallas, l-appellant għandu jħallas lill-Awtorità f'isem il-Gvern l-ammont imħallas anqas fi żmien disgħin ġurnata minn dik id-deċiżjoni.

(5) Għandu jitħallas imgħax ta' 8% fis-sena mill-Awtorità meta hija tonqos milli tissodisfa d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3) jew mill-appellant meta huwa jonqos milli jissodisfa d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4).".

Emenda tal-artikolu 18 tal-Att prinċipali.

11. L-artikolu 18 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) minnufih wara l-kliem "jew parti minnha" għandhom jiżdiedu l-kliem "u mingħajr il-ħtieġa li tiġi rreġistrata mal-Awtorità";

(ii) fil-paragrafu (b) minflok il-kliem "li jkollha r-residenza normali tagħha barra minn Malta" għandhom jidħlu l-kliem "li tkun ilha tgħix barra minn Malta għal mill-anqas 185 ġurnata", u minflok il-kliem "ta' dik il-vettura;" għandhom jidħlu l-kliem "ta' dik il-vettura:

Iżda dik il-persuna għandha tkun is-sid ta' dik il-vettura jew inkella jkollha l-vettura reġistrata f'isimha;".

(iii) fil-paragrafu (ċ) minflok il-kliem "mill-awtoritajiet ta' l-edukazzjoni;" għandhom jidħlu l-kliem "mill-awtoritajiet tal-edukazzjoni:

Iżda dak l-istudent għandu jkun is-sid ta' dik il-vettura jew inkella jkollu l-vettura reġistrata f'ismu;";

(b) fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "għandha tiġi eżentata mit-taxxa ta' reġistrazzjoni" għandhom jidħlu l-kliem "tista' tinsaq f'Malta mingħajr il-ħtieġa li tiġi reġistrata mal-Awtorità u mingħajr ma titħallas fuqha taxxa tar-reġistrazzjoni" u, fil-proviso li hemm mal-imsemmi subartikolu, minnufih wara l-kliem "hi għandha tiġi reġistrata ma' l-Awtorità" għandhom jidħlu l-kliem "u titħallas it-taxxa ta' reġistrazzjoni adatta fuqha".

Emenda tal-artikolu 19 tal-Att prinċipali.

12. Is-subartikolu (3) tal-artikolu 19 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (i), minflok il-kliem "f'Malta mill-individwu" għandhom jidħlu l-kliem "f'Malta minn dak l-individwu";

(b) il-paragrafu (v) għandu jitħassar; u

(ċ) il-paragrafi (vi) u (vii) għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-paragrafi (v) u (vi) rispettivament.

Emenda tal-artikolu 21 tal-Att prinċipali.

13. L-artikolu 21 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (4) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala subartikolu (5); u

(b) u minnufih wara s-subartikolu (3) tiegħu għandu jidħol is-subartikolu ġdid li ġej:

"(4) Meta persuna li timporta jew iġġib f'Malta vettura bil-mutur għall-użu tagħha tonqos, għal raġunijiet mhux ġustifikati, li tippreżenta lill-Awtorità

l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' dik il-vettura flimkien mad-dokumenti meħtieġa fi żmien għoxrin ġurnata minn meta l-vettura bil-mutur tasal Malta, dik il-persuna tista' teħel multa amministrattiva ta' €30 għal kull ġurnata li l-vettura tibqa' ma tiġix reġistrata wara li jiskadu dawk l-għoxrin ġurnata, minkejja kull azzjoni oħra li tista' tittieħed taħt dan l-Att:

Iżda meta persuna tappella taħt l-artikolu 11A jew taħt regolamenti li jsiru taħt dan l-Att, dik l-applikazzjoni u dokumentazzjoni għandhom jiġu ppreżentati fi żmien għoxrin ġurnata mid-deċiżjoni tat-Tribunal:

Iżda wkoll meta persuna tapplika għal eżenzjoni taħt l-artikolu 19 ta' dan l-Att, dik il-persuna għandha tippreżenta l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni u d-dokumenti li jmorru magħha fi żmien għoxrin ġurnata min-notifika tad-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għal dik l-eżenzjoni".

Emenda tal-artikolu 23 tal-Att prinċipali.

14. Fil-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 23 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "mill-Bord ta' l-Appell dwar it-Trasport" għandhom jidħlu l-kliem "mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva".

Emenda tal-artikolu 24 tal-Att prinċipali.

15. L-artikolu 24 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fin-nota marġinali tiegħu wara l-kliem "reġistrati fl-2008" għandhom jiżdiedu l-kliem "u fl-2009";

(b) fis-subartikolu (1) tiegħu minflok il-kliem "tista' tagħżel" għandhom jidħlu l-kliem "tista', sat-30 ta' Marzu, 2010, tagħżel;

(ċ) is-subartikoli (4), (5) u (6) għandhom jitħassru; u

(d) minnufih wara s-subartikolu (3) għandu jiżdied dan li ġej:

"(4) (a) Importatur awtorizzat ta' vetturi bil-mutur jew bejjiegħ ta' vetturi bil-mutur li sad-9 ta' Novembru, 2009, kellu għall-bejgħ jew kellu ordnati vetturi bil-mutur li mhumiex vetturi M1 jew *motor*

cycles, u li qabel l-1 ta' Diċembru, 2009, għadda lista tal-imsemmija vetturi lill-Awtorità –

(i) jitqies li jkun irreġistra l-imsemmija vetturi qabel l-1 ta' Jannar, 2010 sakemm l-importatur awtorizzat jew bejjiegħ ma jiddeċidix xort'oħra; u

(ii) għandu jħallas it-taxxa ta' reġistrazzjoni dovuta fuqhom sal-31 ta' Diċembru, 2011:

Iżda meta jirriżulta lill-Awtorità li vettura bil-mutur li tkun fil-lista li tkun ġiet ippreżentata lilha minn importatur awtorizzat ta' vetturi bil-mutur jew minn bejjiegħ ta' vettura bil-mutur, ma kinitx ġiet hekk ordnata jew ma kinitx għall-bejgħ, l-Awtorità għandha tikkunsidra dik il-vettura bħala li ma tkunx ġiet reġistrata skont dan is-subartikolu;

(b) fejn importatur awtorizzat jew bejjiegħ ta' vetturi N1, N2 jew N3 jagħżel li jitqies li jkun irreġistra l-imsemmija vetturi qabel l-1 ta' Jannar, 2010, it-taxxa ta' reġistrazzjoni li għandha titħallas fuq dawk il-vetturi għandha tkun bir-rata ta' 20 fil-mija tal-valur ta' reġistrazzjoni;

(ċ) fejn importatur awtorizzat jew bejjiegħ irreġistra mal-Awtorità qabel id-9 ta' Novembru, 2009, vetturi N1 jew N2 jew N3 u dawk il-vetturi kienu għadhom ma nbigħux sal-31 ta' Diċembru, 2009, dak l-importatur jew bejjiegħ jista' jitlob rifużjoni mingħand l-Awtorità tad-differenza bejn it-taxxa tar-reġistrazzjoni diġà mħallsa fuq dawk il-vetturi u t-taxxa dovuta skont id-disposizzjonijiet tal-paragrafu ta' qabel dan kieku dawk il-vetturi kellhom jitqiesu li ġew reġistrati wara l-31 ta' Diċembru, 2009;

(d) il-ħlas tat-taxxa tar-reġistrazzjoni għandu jsir meta l-Awtorità toħroġ iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni:

Iżda l-Awtorità m'għandha taċċetta l-ebda ħlas wara d-data stipulata, u f'dak il-każ l-Awtorità għandha b'mod awtomatiku tħassar mir-reġistru kull vettura u r-reġistrazzjoni mill-ġdid tagħha għandha tiġi regolata skont dan l-Att;

(e) meta, minkejja li tkun saret reġistrazzjoni kif hemm provdut fil-paragrafu (a), importatur awtorizzat ta' vetturi bil-mutur jew minn bejjiegħ ta' vettura bil-mutur jagħżel li r-reġistrazzjoni ta' vettura bil-mutur li ma tkunx vettura M1 jew *motor cycle* tiġi regolata minn dan l-Att, l-Awtorità għandha tħassar lil dik il-vettura mir-reġistru u tirreġistraha mill-ġdid skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.".

(f) Meta persuna tkun xtrat vettura N1, N2 jew N3 minn pajjiż ieħor qabel id-9 ta' Novembru, 2009 u tipprova lill-Awtorità li dik il-vettura ma waslitx Malta qabel l-1 ta' Jannar, 2010, dik il-persuna tista' tressaq talba bil-miktub lill-Awtorità sal-31 ta' Ottubru, 2010, sabiex dik il-vettura tiġi meqjusa li ġiet reġistrata qabel l-1 ta' Jannar, 2010, u jekk dik-il persuna tressaq talba bħal dik, il-vettura għandha titqies li ġiet reġistrata mal-Awtorità qabel l-1 ta' Jannar, 2010.".

Sostituzzjoni tal-Ewwel Skeda li tinsab mal-Att prinċipali.

16. Minflok l-Ewwwel Skeda li tinsab mal-Att prinċipali għandha tidħol din l-Iskeda ġdida li ġejja:

"L-EWWEL SEKDA
[Artikolu 6]

L-ammont ta' taxxa li għandu jitħallas fuq ir-reġistrazzjoni ta' vetturi użati għall-ġarr ta' merkanzija u vetturi oħra

Kategorija A: vetturi N1, N2 u N3, vetturi użati għal għan speċjali u *tractor units*

Vetturi N1, vetturi b'għan speċjali u *tractor units*

Sa u inkluża l-Euro 2	
vetturi b'massa massima awtorizzata sa 1,305 kg	Kg x 130% + *cc* x 130% x €1
vetturi b'massa massima awtorizzata ta' aktar minn 1,305 kg sa 1,706 kg	Kg x 135% + *cc* x 135% x €1
vetturi b'massa massima awtorizzata ta' aktar minn 1,706 kg sa 3,500 kg	Kg x 140% + *cc* x 140% x €1
Euro 3	
vetturi b'massa massima awtorizzata sa 1,305 kg	Kg x 110% + *cc* x 110% x €1
vetturi b'massa massima awtorizzata ta' aktar minn 1,305 kg sa 1,706 kg	Kg x 115% + *cc* x 115% x €1
vetturi b'massa massima awtorizzata ta' aktar minn 1,706 kg sa 3,500 kg	Kg x 120% + *cc* x 120% x €1
Euro 4 jew aktar	
vetturi b'massa massima awtorizzata sa 1,305 kg	Kg x 50% + *cc* x 55% x €1
vetturi b'massa massima awtorizzata ta' aktar minn 1,305 kg sa 1,706 kg	Kg x 55% + *cc* x 60% x €1
vetturi b'massa massima awtorizzata ta' aktar minn 1,706 kg sa 3,500 kg	Kg x 60% + *cc* x 65% x €1

Vetturi N2, vetturi b'għan speċjali u *tractor units*

Sa u inkluża l-Euro II	
vetturi b'massa massima awtorizzata ta' aktar minn 3,500 kg sa 12,000 kg	Kg x 60% + *cc* x 75% x €1
Euro III	
vetturi b'massa massima awtorizzata ta' aktar minn 3,500 kg sa 12,000 kg	Kg x 25% + *cc* x 40% x €1
Euro IV u aktar	
vetturi b'massa massima awtorizzata ta' aktar minn 3,500 kg sa 12,000 kg	0%

Vetturi N3, vetturi b'għan speċjali u *tractor units*

Sa u inkluża l-Euro II	
vetturi b'massa massima awtorizzata ta' aktar minn 12,000 kg sa 25,000 kg	Kg x 30% + *cc* x 40% x €1
vetturi b'massa massima awtorizzata ta' aktar minn 25,000 kg	Kg x 35% + *cc* x 45% x €1
Euro III	
vetturi b'massa massima awtorizzata ta' aktar minn 12,000 kg sa 25,000 kg	Kg x 10% + *cc* x 15% x €1
vetturi b'massa massima awtorizzata ta' aktar minn 25,000 kg	Kg x 15% + *cc* x 20% x €1
Euro IV u aktar	
vetturi b'massa massima awtorizzata ta' aktar minn 12,000 kg	0%

Formula tar-rata tat-taxxa:

Meta jiġu applikati t-tabelli rilevanti hawn qabel, l-ammont totali tat-taxxa ta' reġistrazzjoni għandu jkun daqs is-somma totali tal-massa massima awtorizzata (kg) ta' vettura bil-mutur multiplikata bil-% indikat u ċ-ċilindrata (*cc*) tal-magna tal-vettura multiplikata bil-% indikati multiplikati b'€1:

$$[(\text{kg x x\% }) + (cc \text{ x x\%})] \text{ x €1}$$

Għall-fini tat-taxxa tar-reġistrazzjoni, meta vetturi użati għall-ġarr ta' merkanzija (N1, N2 u N3), jew vetturi b'għan speċjali jew *tractor unit,* li s-sena tal-manifattura tagħhom hi waħda mis-snin ta' manifattura li ġejjin, ma jkunux akkumpanjati minn ċertifikat li jkun juri l-livelli ta' emissjonijiet ekwivalenti għal *standards* tal-Euro, ir-rati tat-taxxa tar-reġistrazzjoni li għandhom jitħallsu fuq dawk il-vetturi għandhom ikunu ekwivalenti għal dawk li jidhru taħt *standards* tal-Euro differenti:

Sena tal-manifattura li tiġi qabel is-sena 2001: Euro II
Sena tal-manifattura mill-2001 sa, u inkluża, l-2005: Euro III
Sena tal-manifattura 2006 'il quddiem: Euro IV u aktar

Meta importatur jew bejjiegħ jew sid ta' vettura bil-mutur jipprovdi ċertifikat kif approvat minn servizz tekniku akkreditat fi Stat Membru, li l-magna ta' dik il-vettura partikolari tkun tissodisfa livelli aktar baxxi ta' emissjonijiet minkejja s-sena tal-manifattura tagħha, dik il-vettura għandha, meta tkun qiegħda tiġi reġistrata, tiġi intaxxata r-rata li tappartjeni lill-istandard Euro li jkun ekivalenti għaliha.

Kategorija B: vetturi elettriċi, vetturi ibridi, vetturi N1, N2, N3, vetturi b'għan speċjali u *tractor units*

1. vetturi elettriċi misjuqa bil-batterija…… **0%**
2. vetturi elettriċi ibridi bil-petrol jew bid-diżil ….. **0%**

Kategorija Ċ: vetturi *classic, vintage* u *veteran* użati għall-ġarr tal-merkanzija

Vetturi N1, vetturi b'għan speċjali u *tractor units* b'massa massima ta' mhux aktar minn 3.5 tunnellati u vetturi N2, vetturi b'għan speċjali u *tractor units* b'massa massima ta' aktar minn 3.5 tunnellati iżda mhux aktar minn 5 tunnellati

		Rata ta' taxxa Perċentwali ta' VR
1.	vetturi *classic, vintage* u *veteran* ċertifikati bħala awtentiċi mill-kumitat għall-klassifikazzjoni ta' vettura *vintage*:	
	1.1 vetturi ta' 50 sena jew aktar mid-data tal-manifattura ……	10.5%
	1.2 vetturi ta' 35 sena jew aktar iżda anqas minn 50 sena mid-data tal-manifattura ……..….....	28.5%

Vetturi N2, vetturi b'għan speċjali u *tractor units* b'massa massima ta' aktar minn 5 tunnellati iżda mhux aktar minn 12-il tunnellata

1.	vetturi *classic, vintage* u *veteran* ċertifikati bħala awtentiċi mill-kumitat għall-klassifikazzjoni ta' vettura *vintage*:	
	1.1 vetturi ta' 50 sena jew aktar mid-data tal-manifattura …….	10.5%
	1.2 vetturi ta' 35 sena jew aktar iżda anqas minn 50 sena mid-data tal-manifattura ……..….....	28.5%

Vetturi N3, vetturi b'għan speċjali u *tractor units* b'massa massima ta' aktar minn 12-il tunnellata

1.	vetturi *classic, vintage* u *veteran* ċertifikati bħala awtentiċi mill-kumitat għall-klassifikazzjoni ta' vettura *vintage*:	
	1.1 vetturi ta' 50 sena jew aktar mid-data tal-manifattura …….	10.5%
	1.2 vetturi ta' 35 sena jew aktar iżda anqas minn 50 sena mid-data tal-manifattura ……..….....	28.5%

Kategorija D: *tractors* agrikoli

Tractors agrikoli ……..……..	0%

Kategorija E: vetturi użati f'inħawi magħluqin

Vetturi użati f'inħawi magħluqin, bħal tarznari jew ajruporti jew portijiet użati mill-bastimenti ……...	0%

L-ammont totali tat-taxxa tar-reġistrazzjoni għall-Kategoriji B sa E għandu jkun il-valur ta' reġistrazzjoni (VR) multiplikat bil-% indikat [VR x%]".

17. It-Tieni Skeda li tinsab mal-Att prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej: Emenda tat-Tieni Skeda li tinsab mal-Att prinċipali.

(a) minflok il-kliem "(Artikolu 6(2))" għandhom jidħlu l-kliem "(Artikolu 6)";

(b) fl-intestatura tagħha minflok il-kliem "reġistrazzjoni ta' vetturi M1 u kwadriċikletti" għandhom jidħlu l-kliem "reġistrazzjoni ta' vetturi bil-mutur tal-kategorija M, kwadriċikletti u *motor cycles*";

(ċ) minflok il-kliem minn "L-ammont ta' taxxa ta' reġistrazzjoni li għandu jitħallas" sal-kliem "it-tabelli li ġejjin" għandhom jidħlu l-kliem "Kategorija A: Vetturi bil-mutur M1 (inklużi vetturi li jkunu se jiġu reġistrati biex jintużaw bħala *taxicars,* vetturi *self-drive* u vetturi misjuqa minn *chauffeur)*, *motor cycles,* kwadriċikletti u *quad bikes,* kemm jekk huma ġodda jew użati:",

(d) fl-intestatura mill-kliem "Taxxa applikabbli minima għal vetturi użati M1" sal-kliem "skond l-artikolu 6(2) ta' dan l-Att", minflok il-kliem "Taxxa applikabbli minima għal vetturi użati M1" għandhom jidħlu l-kliem "Kategorija B: Vetturi bil-mutur M1 użati";

(e) il-paragrafu mill-kliem "Vetturi bil-mutur użati li jkunu nġiebu jew li jkunu ġew impurtati jew ġew ordnati" sal-kliem "jiġu reġistrati sal-31 ta' Diċembru, 2009", taħt il-Kategorija B, kif emendata, għandu jitħassar;

(f) minflok l-intestatura "*Motor cycles*" għandhom jidħlu l-kliem "Kategorija Ċ: *Motor cycles*";

(ġ) minflok l-intestatura "*Quad bikes*" għandhom jidħlu l-kliem "Kategorija D: *Quad bikes*";

(ħ) fil-paragrafu (4) taħt l-intestatura "Formula tar-rata tat-taxxa", minflok il-kliem "fit-tabella bl-intestatura" sal-kliem "skond l-artikolu 6(2)"." għandhom jidħlu l-kliem "fit-tabella taħt il-Kategorija B.";

(i) fl-intestatura mill-kliem "Taxxa fuq vetturi bil-Mutur M1" sal-kliem "li huma eżentati jew parzjalment eżentati", minflok il-kliem "Taxxa fuq vetturi bil-mutur M1" għandhom jidħlu l-kliem "Kategorija E: Vetturi bil-

mutur M1";

(j) fil-paragrafu (3) taħt il-Kategorija E, kif emendata, minnufih wara l-kliem "li tkun ġiet reġistrata" għandhom jidħlu l-kliem "qabel l-1 ta' Jannar, 2010";

(k) fil-paragrafu (4) taħt il-Kategorija E, kif emendata, minnufih wara l-kliem "li tkun ġiet reġistrata" għandhom jidħlu l-kliem "qabel l-1 ta' Jannar, 2010"; u

(l) minnufih wara l-paragrafu (4) taħt il-Kategorija E, kif emendata, għandu jidħol dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(5) Meta *taxicar,* li meta tkun ġiet reġistrata għall-ewwel darba qabel l-1 ta' Jannar, 2010, kienet vettura ġdida, tiġi mibdula f'karrozza privata fi żmien 60 xahar mid-data tal-ewwel reġistrazzjoni tagħha bħala *taxicar,* dik il-vettura għandha tiġi valutata mill-Awtorità u għandha titħallas fuqha t-taxxa ta' reġistrazzjoni applikabbli għal vettura M1 taħt it-Tieni Skeda bit-tnaqqis tal-20 fil-mija li kienu diġà tħallsu fuq l-ewwel reġistrazzjoni.";

(m) minnufih wara l-paragrafu (5) ġdid għandhom jiżdiedu l-kategoriji ġodda li ġejjin:

"Kategorija F: vetturi bil-mutur M2 u M3 kemm ġodda jew użati:

Vetturi	Rata ta' taxxa Perċentwali ta' VR
1. *Motor Route Bus* …….....	0%

2. Vetturi bil-mutur M2 u M3, inlużi ferroviji mingħajr linji u vetturi bil-mutur anfibji

	Sa u nkluża l-Euro II	Euro III	Euro IV u aktar
M2	Kg x 60% + *cc* x 75% x €1	Kg x 25% + *cc* x 40% x €1	0%
M3	Kg x 50% + *cc* x 60% x €1	Kg x 10% + *cc* x 15% x €1	0%

